MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 391/2004

**Avviz numru 391/04 DM**

**Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C 113)**

**Vs**

**Leo Refalo**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elf, tmin mija u tmenin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm1,880.61), bilanc minn somma ikbar moghtija mis-socjeta’ attrici a tenur tal-ftehim tas-17 ta’ Gunju, 1996, bejn il-kontendenti, li bih in konsiderazzjoni ta’ l-ghoti da parti l-istess socjeta’ attrici tas-somma ta’ erba’ t’elef u hames mitt lira Maltin (Lm4,500) favur il-konvenut, l-istess konvenut obbliga ruhu illi ma jbieghx , jahzen jew jesebixxi birer, minerali, xorb u prodotti simili ohra fil-‘bar’ gestit

minnu, li ma jkunux tas-socjeta' attrici, u liema ftehim il-konvenut kiser stante li esebixxa prodotti ta' ditti ohra u minghajr ma skonta s-somma mislufa b'xiri ta' prodotti ta' l-istess socjeta' attrici, skond il-ftehim imsemmi.

Il-konvenut ghalkemm gie nterpellat diversi drabi, baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tas-26 ta' Marzu, 2004, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici, u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum sabiex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma .

Il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici, u tikkundanna l-konvenut sabiex ihallas il-atturi s-somma mitluba ta' elf , tmin mija u tmenin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm1,880.61) ghar-ragunijiet kollha indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mid-19 ta' Lulju, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------